**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Seduta B'Bugia**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Camilleri)**

**vs**

**Silvestra Silvia Scerri**

**Illum, 17 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Silvestra Silvia Scerri**, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0262264M;
>
> Billi int akkużata talli bejn ix-xahar ta' Ottubru 2020 u Frar tas-sena 20212 ġewwa dawn il-Gżejjer b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ksirt l-Ordni ta' sekwestru hekk kif maħruġ mill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. datat nhar ill-21 ta' ettembru 2020 u dan inkwantu ta' depożitu ta' żewġ (2) ċekkijiet ġewwa l-fergħa tal-Maltapost fl-ammot ta' elf mitejn u sittin ewro (€1,260.00) u elf mitejn u tnejn u sittin ewro (€1,262.00);
   *Artikolu 4(6), 4(6A), 4(10) tal-Kapitolu 373 u Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiert ta' Malta."

Rat l-atti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat u qieset l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat illi din il-kawza tmexxiet mill-Prosekuzzjoni bil-procedura sommarja u ghalhekk il-Qorti ghandha tisma' l-kawza u tiddeciedi dwarha sommarjament.

Ikkunsidrat:

**L-Akkuza fil-Qosor**

L-imputata hija akkuzata li kisret Ordni ta' Sekwestru liema ksur allegatament jikkonsisti f'depozitu ta' zewg cekkijiet fl-ammont ta' elf mitejn u sittin ewro (€1,260.00) u elf mitejn u tnejn u sittin ewro (€1,262.00) rispettivament u dan taht l-Artikoli 4(6), 4(6A), 4(10) tal-Kapitolu 373 u Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-Fatti addebitati lill-imputata**

Il-Prosekuzzjoni tallega illi l-imputata kisret Ordni ta' Sekwestru mahruga fil-konfront taghha permezz ta' depozitu ta' zewg cekkijiet.

**Principji Legali u Gurisprudenza Applikabbli**

Il-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi għall-prevenzjoni u l-projbizzjoni ta' laundering ta' flus f 'Malta.

It-Taqsima I ta' l-istess Att tittratta l-investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati.

Fil-kaz in ezami l-imputata giet akkuzata taht l-Artikolu 4(6), 4(6A) u 4(10), li jipprovdu s-segwenti:

*"(6) Flimkien ma', jew separatament minn, talba għal ordni ta' investigazzjoni, l-Avukat Ġenerali jista', fiċ-cirkostanzi msemmija fis-subartikolu (1), jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' sekwestru") - (a) li jissekwestra f'idejn*

*dawk il-persuni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "is-sekwestratarji") li jkunu msemmijin fit-talba l-flus u l-proprjetà mobbli oħra kollha li jkunu dovuti jew jgħajjtu jew jappartjenu lill-persuna suspettata, (b) li jordna lis-sekwestratarju biex jiddikjara bil-miktub lill-Avukat Ġenerali, mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa mill-ħin tan-notifika tal-ordni, ix-xorta u l-provenjenza tal-flus u l-proprjetà mobbli oħra kollha hekk sekwestrati, u (ċ) li jipprojbixxi lill-persuna suspettata milli tittrasferixxi jew b'xi mod ieħor tiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*(6A) Meta jkun intgħamel jew ikun intalab ordni ta' sekwestru, kull min, għax ikun jaf jew ikollu suspett li l-ordni ta' sekwestru jkun hekk intgħamel jew intalab, jiżvela xi ħaġa li x'aktarx tippreġudika l-effetti ta' dak l-ordni jew ta' xi investigazzjoni li jkollha x'taqsam magħha, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:*

*Iżda fi proċedimenti dwar reat taħt dan is-subartikolu, l-akkużat jista' jġib provi favur tiegħu li ma kienx jaf jew kellu xi suspett li dak il-kxif x'aktarx li kien jippreġudika l-investigazzjoni jew l-effetti ta' dak l-ordni ta' sekwestru.*

***(10) Kull persuna li tikser ordni ta' sekwestru tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)***

***jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:***[1]

*Iżda meta r-reat ikun jikkonsisti fil-ħlas jew konsenja lil xi persuna mis-sekwestratarju ta' xi flus jew proprjetà mobbli oħra sekwestrata kif provdut fis-subartikolu (6)(a) jew ikun jikkonsisti fit-trasferiment jew tneħħija ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli mill-persuna suspettata bi ksur tas-subartikolu (6)(ċ), il-multa għandha dejjem tkun mill-inqas id-doppju tal-valur tal-flus jew proprjetà in kwistjoni:*

*Iżda wkoll kull att li hekk isir bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti jkun null u bla ebda effett fil-liġi u l-qorti tista', meta dik il-persuna tkun is-sekwestratarju, tordna lil dik il-persuna tiddepożita f'bank għall-kreditu tal-persuna suspettata l-ammont ta' flejjes jew il-valur ta' proprjetà mobbli oħra mħallsa jew konsenjata bi ksur ta' dik l-ordni tal-qorti."*

L-Artiklu 18 tal-Kap.9 jipprovdi hekk:

*"18. Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi."*

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Att 373 jipprovdi sabiex kwalunkwe procediment li jittiehed kontra xi persuni li allegatament jiksru d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jittiehed

[1] Enfasi tal-Qorti

a bazi ta' ordni ghal dan il-ghan mahruga mill-Avukat Generali. Hekk l-Artiklu 3 (2A) jipprovdi illi:

*"(2A) (a) Kull persuna li tiġi akkużata b'reat ta' money laundering taħt dan l-Att għandha tiġi proċessata fil-Qorti Kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta )jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex),* ***skont ma l-Avukat Ġenerali jista' jordna***[2]*, u tista' teħel jekk tinsab ħatja -(i) mill-Qorti Kriminali, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux anqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tmintax-il sena, jew multa ta' mhux anqas minn ħamsin elf euro (€50,000) u mhux iżjed minn żewġ miljuni u ħames mitt elf euro (€2,500,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; jew (ii) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn disa' snin, jew multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) iżda mhux iżjed minn mitejn u ħamsin elf euro (€250,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:....."*

Illi fir-rigward ta' ksur ta' Ordni ta' Sekwestru, dan l-Att jipprovdi hekk:

*(11) Ordni ta' sekwestru għandu, kemm-il darba ma jiġix revokat aktar kmieni mill-Avukat Ġenerali b'avviż bil-miktub notifikat lill-persuna suspettata u lis-sekwestratarju bil-mod previst fis-subartikolu (9), jispiċċa milli jkollu seħħ ma' għeluq żmien sitt(6) xhur mid-data li fiha jkun sar; u l-qorti tista', wara li ssir talba mill-Avukat Ġenerali, u meta tkun sodisfatta li jeżistu raġunijiet suffiċjenti, testendi l-validità ta' dak l-ordni ta' sekwestru għal perjodu ieħor ta' sitt (6) xhur. Il-qorti ma tagħmilx ordni ieħor ta' sekwestru dwar dik il-persuna suspettata kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li hemm informazzjoni sostanzjalment ġdida dwar ir-reat imsemmi fl-artikolu 3:*

---

[2] Enfasi tal-Qorti

*Iżda l-perjodu ta' validità kif stabbilit f'dan is-subartikolu għandu jitwaqqaf għal dak iż-żmien li l-persuna suspettata tkun tinsab barra minn dawn il-Gżejjer u l-Avukat Ġenerali javża b'dan il-fatt lis-sekwestratarju b'avviż bil-miktub notifikat bil-mod previst fis-subartikolu (9).”*

Ghaldaqstant Ordni ta' Sekwestru ghandu validita' ta' sitt xhur sakemm ma jigix imgedded kif fuq provdut.

**Provi**

Xehed l-**Ispettur Ian Camilleri** illi spjega illi l-imputata kienet kisret Ordni ta' Sekwestru billi ddepozitat zewg cekkijiet. Illi l-imsemmija cekkijiet kienu cekkijiet mahruga mit-Tezor u pagabbli mill-Bank Centrali ta' Malta. Huwa esebixxa l-istqarrija tal-imputata Dok IC[3].

Xehed **Franklin Calleja,** fil-kapacita' tieghu ta' **Assistent Registratur tal-Qorti Kriminali.** Huwa spjega illi huwa m'ghandux awtorizzazzjoni sabiex jesebixxi l-Ordni ta' Sekwestru u li tali awtorizzazzjoni tista' tingab biss minn dik il-Qorti li tkun harget l-Ordni ta' Sekwestru, u cioe' f'dan il-kaz mill-Qorti Kriminali.

Xehed **Mark Falzon,** rapprezentant tal-BOV. Huwa spjega illi se jesebixxi l-istat tal-kontijiet bankarji tal-imputata kif ukoll l-Attachment Order. Mistoqsi jekk ghandux awtorizzazzjoni sabiex jesebixxi tali Attachment Order, huwa qal illi huwa gie mitlub tali dokumentazzjoni skont it-tahrika izda huwa ma kellux awtorizzazzjoni sabiex jesebixxi l-

[3] A folio 13 tal-process.

Attachment Order. Huwa esebixxa portfolio b'diversi dokumenti dwar il-kontijiet bankarji tal-imputata, Dok MF.

Xehdet **Carmen Galea,** fil-kapacita' taghha ta' Ufficcjal Inkarigat mis-Salarji fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Hija spjegat li l-imputata hija LSE mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Spjegat li s-salarji tad-Dipartiment awtomatikament jigu depozitati fil-kont ta' kull impjegat skont in-numru tal-kont bankarju provdut minnu. Spjegat li kienet hi illi kkomunikat mal-imputata stante li s-sezzjoni taghha giet infurmata illi ghal xi raguni s-salarju ta' l-imputata ma giex depozitat fil-kont bankarju taghha. Hija esebit d-diversi emails li ghaddew bejnha u l-imputata f'dan ir-rigward, bl-ewwel email li ntbaghat lill-imputata jgib id-data tad-09 t'Ottubru 2020. Fir-risposta taghha mibghuta fl-10 t'Ottubru 2020, l-imputata kitbet hekk: "*Dear Ms Galea, …..kindly note that probably salary could not be deposited in my BOV account due to bank procedures that are being done at the moment. Things will be resolved soon, so I will wait until the exercise is completed and have salary deposited accordingly…..*".

Hija esebiet kopja tal-emails li giet immarkata Dok CG.

Xehdet ukoll **Michelle Portelli,** ukoll b'referenza ghas-salarju tal-imputata. Hija spjegat illi s-sistema hija awtomatika meta depozitu ma jigix onorat mill-bank. Is-sistema tibghat messagg illi s-salarju ma giex depozitat u awtomatikament jibda mekkanizmu fejn il-persuna tigi infurmata dwar dan u jibda process biex is-salarju johrog permezz ta' cekk.

Xehed **Tonio Farrugia**, rapprezentant tal-Bank Centrali ta' Malta. Huwa spjega li meta ghal xi raguni jew ohra depozitu ma jigix versat

minhabba illi l-kont fejn kellu jsir id-depozitu jkun blukkat, il-Bank Centrali jibda process sabiex il-hlas johrog permezz ta' cekk li jintbaghat lill-persuna. Ix-xhud esebixxa dokument TF.

Xehdet **Ruth Cassar Gatt**, rapprezentanta Bank Centrali ta' Malta. Hija spjegat li kienet irceviet zewg cekkijiet f'isem l-imputata. Spjegat li meta johrog cekk mill-Bank Centrali, dan imur ghandha ghall-clearance u jekk kollox ikun sew hija taghti l-clearance. Hija esebiet zewg cekkijiet originali li tpoggew go envelopp mmarkat RCG.

Xehed **Alan Pace**, kaxxier mal-Lombard Bank, li kien il-persuna li sarraf l-imsemmija cekkijiet. Huwa kkonferma li kien hu li sarrafhom peress illi t-timbru tal-Lombard Bank fuq wara tac-cekk ghandu ismu lan Pace, n-numru tieghu u cioe A/C224 u fuq ismu hemm il-firma li huwa kkonferma li hija tieghu.

Illi l-Prosekuzzjoni ma resqitx provi ohra.

Illi l-Prosekuzzjoni talbet differiment sabiex tipproduci mill-gdid bhala xhud taghha lill-Assistent Registratur Franklin Calleja u ssottomettiet illi stante li l-Ordni ta' Sekwestru skadiet, r-Registratur jista' jesebixxi l-istess.

Id-Difiza opponiet ghal tali talba stante li dan ix-xhud kien ghadu kif xehed u ddikjara li minghajr awtorizzazzjoni tal-Qorti li tkun harget tali Ordni, huwa ma setax jesebixxi tali Ordni u in oltre f'dak l-istadju l-Prosekuzzjoni ma ssottomettietx li dan kien skorrett stante li tali Ordni kienet skadiet.

Il-Qorti, stante illi l-Assistent Registratur Franklin Calleja kien diga ta x-xhieda tieghu u ghalhekk il-Prosekuzzjoni kienet ghalqet l-ezami

tieghu, fejn huwa xehed li ma setax jesebixxi tali Ordni minghajr l-awtorizzazzjoni relattiva mill-Qorti li harget l-istess Ordni u stante li l-Prosekuzzjoni ma komplietx tezamina lix-xhud dwar jekk tali posizzjoni hiex relattiva ghall-fatt jekk tali Ordni tkunx ghada fis-sehh jew le waqt illi huwa kien fuq il-pedana tax-xhieda, stante illi l-Kap. 373 ma jaghmilx distinzjoni dwar jekk l-Ordni ta' Sekwestru jkunx ghadu attiv jew le, stante li l-Prosekuzzjoni ma ddikjaratx a bazi ta' liema Artiklu tal-ligi kienet qed taghmel tali sottomissjoni u a bazi ta' liema Artiklu tal-Ligi kienet qed titlob illi terga' tipproduci l-imsemmi xhud, stante illi dawn huma proceduri sommarji fejn il-partijiet ghandhom iressqu l-provi taghhom kollha f'seduta wahda, il-Qorti cahdet it-talba ghar-riproduzzjoni ta' l-imsemmi xhud.

Id-Difiza ma ressqitx provi.

**Ikkunsidrat:**

Illi principju baziku u ben assodat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna huwa illi sabiex tinstab htija fl-imputat il-Prosekuzzjoni trid tressaq l-aqwa prova.

Illi principju baziku iehor huwa li l-imputat huwa prezunt innocenti sakemm jinstab hati.

Illi principju iehor huwa li l-prova sabiex tinstab htija trid tkun lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

**Ikkunsidrat:**

Preliminarjament, il-Qorti tinnota illi l-akkuza fl-inkartament fil-kawza in ezami ma hiex fl-original u ma hiex debitament iffirmata mill-ufficcjal prosekutur. L-Akkuza fil-process hija biss fotokopja.

Dan huwa l-ewwel difett procedurali.

Illi l-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tesebixxi d-dokument dwar id-dritt ghall-Assistenza Legali waqt l-interrogazzjoni kif ukoll d-dokument li jikkonferma li l-imputata inghatat id-drittijiet taghha qabel ittiehditilha l-istqarrija taghha, drittijiet tal-imputata llum ben rassodati fis-sistema legali taghna.

Illi ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 373, sabiex tipprocedi bil-procedura odjerna, l-Prosekuzzjoni kellha tesebixxi wkoll l-Ordni tal-Avukat Generali sabiex jittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputata. Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tesebixxi tali ordni.

**Fil-mertu:**

Illi sabiex tirnexxi f'din l-akkuza l-Prosekuzzjoni jehtieg li tipprova l-elementi ta' dan ir-reat u cioe l-ewwel u qabel kollox illi kien hemm Ordni ta' Sekwestru fil-konfront tal-imputata. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi kien hemm tali Ordni fil-konfront tal-imputata u dan mhux ghax ma kellhiex l-opportunita' jew il-hin illi ggib kopja legali ta' l-istess izda ghaliex ma applikatx lill-Qorti kompetenti sabiex tikseb kopja vera ta' l-istess jew sabiex tinghata l-awtorizzazzjoni sabiex tali Ordni tigi esebita f'dawn il-proceduri. Illi din l-akkuza inharget fit-18 ta' Gunju 2021 skont id-data indikata fit-timbru tal-Ufficjal Prosekutur fuq it-tahrika relattiva u ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha bizzejjed zmien sabiex tipprepara l-provi taghha.

Illi, apparti li tigi esebita tali Ordni, il-Prosekuzzjoni kella tipprova illi meta allegatament sar id-depozitu, tali Ordni kienet ghadha fis-sehh, prova li l-Prosekuzzjoni ma gabitx.

Illi l-Prosekuzzjoni kella tipprova wkoll illi tali depozitu sar fizikament mill-imputata u mhux minn xi hadd iehor, prova ukoll li ma ngabitx. Hadd ma identifika lill-imputata bhala l-persuna li ghamlet id-depozitu. U ghalhekk lanqas ma hemm prova li d-depozitu sar mill-imputata.

Illi huwa minnu li c-cekkijiet fuq in-naha ta' wara hdejn il-kelma "signature" hemm firma li tghid Scerri jew SScerri pero lanqas ma ngabet prova li dik hija l-firma tal-imputata.

Illi in oltre, mill-provi prodotti jirrizulta li l-procedura adottata mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, mit-Tezor, u mill-Bank Centrali, meta versament ta' depozitu f'kont bankarju ma jsehhx minhabba li tali kont ikun blukkat ghal xi raguni jew ohra, hija li l-hlas dovut jithallas permezz ta' cekk lil min ikun dovut.

Illi l-Prosekuzzjoni kellha tipprova dan kollu u mbaghad kien jinkombi lill-imputata li ggib il-provi relattivi sabiex tiskolpa ruhha, stante illi hija giet akkuzata taht il-Kap. 373.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi huwa principju stabbilit fil-ligi taghna illi meta il-Qorti tohrog Manda ta' Sekwestru jew Ordni ta' Iffrizar, tali Mandat jew Ordni m'ghandhomx jolqtu wkoll is-salarju tal-persuna u dan sa certu ammont u dan sabiex tali persuna tkun tista' tkompli tghix, hi u familtha, hajja

decenti, ghal-lanqas billi tkompli tipprovdi ghall-bzonnijiet bazici taghha u tal-familja taghha.

Hekk l-Artiklu 382 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

*(1) Fil-każ ta' kwalunkwe salarju jew paga msemmija fl-artikolu 381(1)(a) meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:*

*Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:….".*

Hekk ukoll l-Artiklu 5 tal-Kap. 373 jipprovdi hekk:

*(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi* proprjetà mobbli jew *immobbli:*

***Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:***

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn* dan –

*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli……*

Il-paragrafu 5 sahansitra jipprovdi hekk:

*(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak l-ordni jkun fis-seħħ, dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort'oħra f'dak l-*ordni, ***jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat.***

Illi dan juri li l-Qorti ghandha ukoll diskrezzjoni sabiex tirregola x'introjtu jista' jibqa' jgawdi l-imputat minkejja l-hrug ta' tali Ordni fil-konfront tieghu.

Il-Qorti rat u qieset ukoll is-sentenzi tal-Qorti Sede Kostituzzjonali Prim Awla u Sede Kostituzzjonali tal-Appell mmarkati SS1 u SS2.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-imsemmi kuncett legali fejn akkuzat u l-familja tieghu ghandu ***"jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena"*** ghandu japplika wkoll f'kaz ta' Ordni ta' Sekwestru u dan stante illi kulhadd ghandu dritt ghall-ghixien baziku tieghu u tal-familja tieghu u dan ukoll fid-dawl tal-kuncett legali illi kull persuna huwa prezunt innocenti sakemm jinsab hati.

Illi fil-kaz odjern il-bazi tal-akkuza tinvolvi depozitu ta' zewg cekkijiet illi kienu jirrapprezentaw is-salarju tal-imputata u li flimkien ma jeccedux is-somma ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena.

Illi, mill-provi prodotti huwa car illi l-imsemmija cekkijiet kienu jirrapprezentaw is-salarju tal-imputata.

In oltre lanqas ma ngabet prova illi meta allegatament sehhew l-imsemmija depoziti l-Ordni ta' Sekwestru kien ghadu fis-sehh u konsegwentament tali depoziti ma setghux isiru.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet u in vista ta' dan kollu fuq espost, il-Qorti wara illi rat l-akkuza migjuba kontra l-imputata, il-fatti mressqa quddiemHa li allegatament taw lok ghal dawn il-proceduri, l-atti tal-kawza, il-provi migjuba u wara li rat l-Artikli tal-Ligi addebitati lill-imputata, tqis illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tilhaq il-livell tal-prova rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali u cioe dak tal-prova minghajr dubju ragonevoli, tqis ukoll li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-aqwa prova sabiex tinstab htija fl-imputata u konsegwentament ma issibx htija fl-imputata u tillibera lill-imputata mill-akkuza migjuba kontra taghha.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur